**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 157/2021**

**Victor Bezzina (ID 666442M)**

**vs**

**Anthony Griffiths (ID 429143M)**
**James Noel Griffiths (ID 27545M)**
**Maria Theresa sive Maryse Griffiths (Tax No 889009725)**
**Maria Dolores sive Doreen Darmanin Kissaun (ID 83450M)**
**Gerald Griffiths (ID 0374949M)**
**Maria Carmela Agius (Tax No 887927817)**
**Emanuela Agius (Tax No 887927619)**
**Maria Silvana Agius (Tax No 887927718)**

**Illum, 04 ta' Lulju 2023**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jgħid hekk:

1. Illi r-rikorrenti jgawdi l-fond numru 35, Tigne Sea Front, rokna ma Saint Anthony Street, Sliema b'titolu ta' kera, liema kuntratt kien ġie iffirmat nhar il-11 ta'Jannar tas-sena 1983 flimkien ma' Joseph Griffiths li kien deher f'ismu propju u għan-nom ta'Salvino Agius, kopja hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. A';

2. Illi r-rikorrenti fil-preżent qed jikri u jħallas l-kera għall-fond de quo agitur lil intimati: Anthony Griffiths (ID 429143M), James Griffiths (ID 27545M), Maria Theresa sive Maryse Griffiths (Tax No.889009725), Maria Dolores sive Doreen Darmanin Kissaun (ID 83450M) u Gerald Griffiths (ID 0374949M);

3. Illi Maria Carmela Agius (Tax No. 887927817), Emanuela Agius (Tax No. 887927619) u Maria Silvana Agius (Tax No. 887927718) kienu sidien ta' parti minn dan il-fond sal-21 ta' Diċembru 2018;

4. Illi reċentement irriżulta lir-rikorrenti illi għal snin twal, is-sidien ta' dan il-fond kienu qed jitolbuh ihallas kera illi kienet ferm ghola minn dik kif stipulata fil-kuntratt lokatizzju;

5. Illi attwalment jirriżulta illi r-rikorrenti tul dawn is-snin ħallas ammonti konsiderevoli f'kera lis-sidien liema pagamenti thallsu minghajr ma kien imiss lilhom. Illi kien biss reċentement illi r-rikorrenti ġie a konjizzjoni ta' dan l-iżball;

6. Illi skond l-iskrittura ta' lokazzjoni datata l-11 ta' Jannar tas-sena 1983, l-kera originali kellha togħla wara ir-raba' (4) sena bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) kull tlett (3) snin, b'dan illi l-kera kellha tibqa fissa u stabbli wara s-sena elfejn (2000);

7. Illi l-kera annwali fis-sena elfejn (2000) ikkalkulata skond kif indikat fil-ftehim lokatizzju sureferit, tammonta għal sebgħa t'elef, mitejn u ghoxrin euro (EUR7,220) ossia Lm3,099.54, pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem ai termini tal-istess ftehim;

8. Illi kif jirriżulta mid-diversi irċevuti hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. B', ir-rikorrenti ħallas ammonti f'kera ferm għola minn dik attwalment dovuta;

9. Illi r-rikorrenti interpella diversi drabi lil intimati jew min minnhom sabiex jaċċettaw l-kera kif attwalment dovuta u kif ukoll sabiex jirrifonduħ l-ammonti kollha li tħallsu lilhom f'kera li ma kellhomx jedd għaliha stante li thallset lilhom taht żball da parti tal-esponenti;

10. Illi minkejja dan, l-intimati baqgħu inadempjenti u la irrifondew l-ammonti li tħallsu lilhom fkera żejda u l-anqas aċċettaw il-ħlasijiet tal-kera fl-ammont kif attwalment dovut. Illi r-rikorrenti kien kostrett illi jiddepożita l-kera taħt l-awtorità ġudizzjarja permezz ta' ċedola kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok.C';

11. Illi l-intimati jew min minnhom ġew interpellati diversi drabi, inkluż permezz ta' Ittra Ufficjali bin-numru 687/2021 (Dok. D) u 1272/2021 (Dok. E), liema intimazzjoni ġiet injorata u għalhekk kellha tiġi addottata din il-proċedura.

Jgħidu għalhekk l-intimati jew min minnhom ghaliex m'ghandux dan l-Onorabbli Bord għar-raġunijiet premessi, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u necessarja:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi preżentement il-kera pagabbli mir-rikorrenti Victor Bezzina ghall-fond numru 35, Tigne Sea Front, rokna ma Saint Anthony Street,Sliema tammonta ghal sebgħa t'elef, mitejn u għoxrin euro (EUR7,220)fis-sena;

2. Jiddikjara u jiddeċiedi illi r-rikorrenti fir-rigward tal-fond de quo agitur, għamel pagamenti ta' kera lil intimati jew min minnhom illi kienu iktar mill-ammont li kellhom jedd ghalih;

3. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimati in solidum, jew min minnhom għandhom iħallsu lura lir-rikorrenti dik il-parti tal-kera li rċevew minghand ir-rikorrenti fir-rigward tal-fond de quo agitur, li ma kellhomx jedd għaliha;

4. Jillikwida s-somma rappreżentanti kirjiet imhallsa żejda mir-rikorrenti lil intimati jew min minnhom fir-rigward tal-fond de quo agitur;

5. Konsegwentement jikkundanna lil intimati in solidum, jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata supra fir-raba (iv) talba;

Bl-ispejjeż tal-preżenti kif ukoll dawk tal-Ittra Uffiċjali nru.687/2021(Dok.D)u 1272/2021 (Dok. E) u b'riżerva ta' kull dritt t'azzjoni oħra talvolta spettanti lir-rikorrenti kontra l-

intimati jew min minnhom li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.[1]

Ra illi l-intimati prezentaw risposta fejn eccepew hekk:

1. Illi in primis filwaqt li r-rikorrenti mhux biss naqas milli jinnotifika lill-intimati kollha, iżda saħansitra ma ħariġx in-notifiki kollha neċessarji,1-intimati qiegħdin jagħtu ruħhom bħala notifikati b'dawn il-proċeduri;

2. Illi minn aspett ta' dritt jingħad a bazi ta' ġurisprudenza konsistenti li l-artikoli tal-liġi fuq liema r-rikorrenti qiegħed jibbaża t-titolu ta' kera mhumiex kostituzzjonalment validi u jivvjolaw id-drittijiet tas-sidien. Illi filfatt ġew ipprezentati proċeduri ta' natura kostituzzjonali minn uħud mill-intimati kontra l-Avukat tal-istat u r-rikorrenti fdan is-sens li għadhom sub judice;

3. Illi preliminarjament, l-azzjoni odjerna għandha tiġi miċħuda bħala intempestiva visto li r-rikorrenti ma jistax jipproċedi b'din l-azzjoni u t-talbiet magħmula minnu qabel ma jannulla l-ftehim milħuq bejn il-partijiet liema ftehim huwa jistqarr li sar a bazi ta' żball. Kunsidrat dan, ir-rikorrenti irid qabel xej jipproċedi ai termini tal-artikoli 974 et sequitur tal-Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta u dan l-Onorabbli Bord mhux biss ma ġiex rikjest jiddeċiedi fuq il-validita' o meno tal-ftehim milħuq fuq allegat vizzju tal-kunsens, iżda ma għandux kompetenza jiddeciedi fuq tali materja;

[1] Folio 1- 3 tal-process.

4. Illi l-intimati Maria Carmela Agius, Emanuela Agius u Maria Silvana Agius mhumiex leġittimi kontraditturi sa fejn il-pretensjonijiet tar-rikorrenti jikkunsidraw żmien wara l-għoxrin ta' Diċembru 2018 u dan kunsidrat li l-imsemmija intimati biegħu sehemhom fil-propjeta' permezz ta' kuntratt iffirmat fl-atti tan-nutar Dr Patricia Hall fil-wieħed u għoxrin ta' Diċembru tas-sena 2018 u dan kif ukoll ikkunsidrat fit-tielet paragrafu tar-rikors promotur de quo;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti bi zmien ħames snin ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema zmien għandu biss jiġi kkunsidrat interrott bl-intavolar ta' dawn il-proċeduri u/jew notifika tal-ittra uffiċjali skond il-każ u dan visto wkoll li l-imsemmija ittra uffiċjali ma ġietx notifikata lill-intimati kollha u għaldaqstant ukoll fkull każ it-talbiet tar-rikorrenti jekk akollti ma għandhomx jiġu akkolti in solidum;

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, jirriżulta li t-titolu tar-rikorrenti kif kontestat fi proċeduri kostituzzjonali jemerġi mill-artikolu 1531D tal-Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta liema artikolu jindika b'mod ċar li l-partijiet jistgħu wara l-1 ta' Jannar tas-sena 2010 jiftehmu għal rata għola ta' kera;

7. Illi l-ħlasijiet kollha rċevuti mill-intimati jew min minnhom saru a bażi ta' ftehim milħuq mar-rikorrenti kif jixdhu l-istess pagamenti, pero kienu l-istess rikorrenti li kienu - minħabba liġijiet kif inhuma - kostretti jaċċettaw tali kera mizera u mhux vice vera;

8. Illi jiġi eċċepit mingħajr preġudizzju għat-tielet eċċezzjoni li filwaqt li r-rikorrenti qiegħed jallega żball fdawn il-proceduri, liema zball wassal għal tali ftehim, l-eċċipjenti jikkontestaw l-eżistenza ta' tali żball u f'kull każ ir-rikorrenti ma jistax isib soljev mill-izbalji attribwibbli lilu;

9. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit l-eċċipjenti jikkontestaw li huma rċevew kera oltre dak dovuta lilhom tramite liġi u ftehim milħuq bejn il-partijiet u f'kull każ ir-rikorrenti irid iġib prova tal-ammonti pretizi minnu.[2]

Ra d-dokumenti annesi mar-rikors promutur.[3]

Ra d-dokumenti annessi mar-risposta tal-intimati.[4]

Ra id-dokumenti u l-atti kollha prezentati.

Sema' x-xhieda.

Ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

**Fatti fil-Qosor.**

---

[2] Folio 4- 40 tal-process.

[4] Folio 49 – 65 tal-process.

Din il-vertenza hija ibbazata fuq kirja tal-fond 35, Tigne Sea Front, kantuniera ma' St. Anthony Street, Sliema b' titolu ta' kera, liema kuntratt kien gie iffirmat nhar il-11 ta' Jannar tas-sena 1983 mir-rikorrenti u Joseph Griffiths li kien deher f'ismu propju u ghan-nom ta' Salvino Agius. L-intimati kisbu titolu fuq il-fond de quo matul is-snin.

Illi skond skrittura ta' lokazzjoni datata l-11 ta' Jannar tas-sena 1983, l-kera originali kellha toghla wara r-raba (4) sena bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) kull tlett (3) snin, b'dan illi l-kera kellha tibqa' fissa u stabbli wara s-sena elfejn (2000);

Ir-rikorrenti jikkontendi li fis-sena elfejn (2000), skond il-ftehim il-kera kienet ta' tlett elef u disgha u disghin Lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm3,099.54c) ossija sebat elef u mitejn u ghoxrin Ewro (€7,220), pagabbli kull teltt xhur bil-quddiem. Ir-rikorrenti jishaq li matul is-snin hu hallas aktar minn dak li kien dovut u ghalkemm recentement talab rifuzjoni tal-hlas zejjed l-intimati baqghu inadempjenti.

Fir-risposta taghhom, l-intimati jwiegbu billi jichdu dak allegat mir-rikorrenti u jghidu li l-kera dovuta kienet mizera ghaz-zminijiet odjerni tant li huwa intavola kawza kostituzzjonali f'dan is-sens. Jishqu li din il-kawza gie intavolata minn uhud minnhom fejn jallegaw li l-artikoli tal-ligi fuq liema r-rikorrenti qieghed jibbaza t-titolu ta' kera mhumiex kostituzzjonalment validi u jivvjolaw id-drittijiet taghhom bhala sidien. L-intimati jishqu ukoll li t-talbiet tar-rikorrenti huma intempestivi u insostenibbli ghax ir-rikorrenti jghid li l-ftehim hu rizultat ta' zball. Barra minn dan jilmentaw ukoll li dan il-Bord mhux kompetenti jiddeciedi fuq il-materja fuq il-validita' o meno tal-

ftehim milhuq fuq allegat vizzju tal-kunsens. Izidu ukoll jelaboraw l-intimati li t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti bi zmien hames snin ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 kif ukoll li l-intimati Maria Carmela Agius, Emanuela Agius u Maria Silvana Agius lanqas huma biss il-legittimi kontradditturi sa fejn il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma relatati ghaz-zmien wara l-ghoxrin ta' Dicembru 2018 minhabba li huma bieghu sehemhom mill-fond fl-ghoxrin ta' Dicembru 2018 fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall. Fl-ahharnett l-intimati jikkontendu illi tramite l-artikolu 1531D tal-Kap 16 l-intimati setghu jghollu il-kera minn 1 ta' Jannar 2010 wara li jsir ftehim kif fil-fatt sar.

**Provi**

Xehed **Victor Bezzina** permezz ta' affidavit li jikkonferma li huwa l-inkwilin tal-fond de quo u ilu tali mill-11 ta' Jannar 1983. Hu jikkonferma l-iskrittura li ipprezenta mar-rikors promutur 'Dok VB1'. Jghid li l-intimati huma d-dixxendenti ta' Salvino Agius u Joseph Griffiths u li huwa dejjem ikkomunika ma' Anthony Griffiths. Dan tal-ahhar kien jigbor il-kera u johrog l-ircevuti relattivi f' ismu propja u ghan-nom tal-ohrajn. Dan il-fond sa mill-bidu nett kien joperah bhala restaurant bl-isem ta' 'Galeone' u ghadu jopera hekk sal-gurnata odjerna. Ix-xhud jikkonferma l-iskaletta tar-rati li hallas matul is-snin u li hemm b' mod car inizzlin fl-iskrittura. Jghid li huwa dejjem kien jafda lil Anthony Griffiths u hallsu dejjem dak li talbu. Dejjem emmen dak li qallu pero' qatt ma innegozja xi fthiem gdid jew xi bdiel fl-iskrittura originali.[5] Skond ix-xhud Anthony Griffiths baqa' jgholli il-kera u jitlobni awmenti konsiderevoli kull tlett xhur. Fil-fatt ix-xhud jishaq li Anthony

[5] Folio 71 ta' process.

Griffits fuq kull ircevuta li kien jaghtih kien jindikalu ukoll l-ammont awmentat li kellu jhallas id-darba li jkun imiss. Dawn in-notamenti skond ix-xuhud huma imnizzlin fuq id-dokumenti 'Dok B' esebiti in atti. Jghid li wara is-sena 2000 huwa kien nesa li il-kera ma kellix tizdied u baqa' jhallas iz-zieda. Fiz-zmien il-Covid 19 Anthony Griffiths baqa' jinsisti mhux biss ghal-kera, ghalkemm ir-restaurant kien inghalaq fuq ordnijiet tal-Awtoritajiet izda ukoll li insista ghall-awment. B' hekk huwa mar jiehu parir legali fuq l-awment u il-kuntratt ta' bejn il-partijiet. Jishaq li il-konteggi ta' kif kellha tinhadem il-kera huma dawk ezebiti a fol 'Dok VB2' u 'Dok. VB3' jixhed li fil-fatt huwa hallas Ewro 59,909.60c zejda.

Jikkonkludi li l-intimati ddepositaw minn jheddhom Ewro 60,000 il-Qorti permezz ta' cedola 945/2021 filwaqt li ma baqghux jaccettaw il-kera izjed u x-xuhud qed jiddepositaha il-Qorti.

Xehed **Anthony Griffiths** waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2022[6]. Hu jghid li ommu kienet ta' eta' avvanzata filwaqt li missieru kien miet. Jispjega li meta kienu jigu ghal xi ziediet specjalment fit- 2009 huwa u huh l-accountant kienu bdew japplikaw ir-rati il-godda u qatt ma kien hemm problem. Jelabora li il -fthiem kien ma' missieru u kien jirrigwarda il-kera tal-fond. Jaraf il-firma tieghu fuq l-ircevuti ezebiti in atti u li dawn jirrelataw ghal fond mertu ta' dawn il-proceduri. Jiddikjara li kull Dicembru kein izidlu il-kera b' 5% u qatt ma kein hemm problemi. Isosti li il- 5 % kienet iz-zieda kienet gejja mill-Gvern u hu kellu iz-zmien kollu biex jezaminaha u qatt ma kein hemm problermi. Ix-xuhud jghid li ma jafx x' fih il-

[6] Folio 89 tal-process.

kuntratt li jaf pero‘ hu li qatt ma kellhom problemi f‘ erbghin sena hlief meta fegget il-Pandemija peres li ma riedx ihallas u kein kitbilhom bl-avukat. Muri il-kawsola numru tlieta tal-kuntratt jghid li hu jaf biha pero‘ meta fl-2009 il-Gvern, wara sitta u ghoxrin sena gholla il-kera 5% kien hemm l-approvazzjoni tas- Sur Bezzina u mexxew hekk. Jaqbel li fil-mori tal-kawa prezentaw cedola ta‘ depositu u jghid li din saret biex ma jimblokkalhomx il-kontijiet. Jghid li pero‘ l-inkwlin ma ghamilx l-istess u iddeposita kera li kienet mizerja.

Kontro ezaminat jghid li iz-zieda saret skond kif huma interpretaw il-ligi u li ic-cedola ghamluha biex jissalvagwardjaw l-interessi taghhom.

Xehed ir-rikorrent Victor Bezzina fl-14 ta’ Gunju 2022 li jishaq li hu kien min ghalih li z-zieda kienet minhabba il-kuntratt.[7] Ix-xuhud ma jaqbilx li hu gie infurmat li iz-ziedit kienu attribwibbli minhabba emendi fil-ligi. Jaqbel li iz-ziediet sa l-1997 kienu in lineja mal-kuntratt. Jispjega li iz-ziediet kienu qed jgholew ta‘ spiss pero’ jichad li kein hemm xi qbil mieghu. Jghid li l-unika komunikazzjoni mas-Sur Griffiths kein tramite il-ktieb tal-kera biss. Jaqbel li dejjem accetta li jhallas il-kera mitluba ghax inkella jkeccieh u jaqbel li il-kuntratt tal-kera kein dejjem f‘ idejh. Jaqbel li beda jikkontesta dawn iz-zidiet waqt i-Covid minhabba li kienu esagerat. Jaqbel li il-fond huwa restaurant f‘ Tas-Sliema pero‘ jinsisti li iz-zidiet huma esagerati

[7] Folio 102 tal-process.

Anthony Griffiths rega‘ xehed permezz ta‘ affidavit data 24 ta’ Novembru 2022.[8] Jikkonferma l-gheruq tal-kirja u li din kienet tizdied sal-2000 u wara zdiedet biss wara l-emendi fil-ligijiet. Jishaq li huwa kien mar ikellem lill-inkwlilin ghax l-emendi tal-X tas-sena 2009 kienu jikkontemplaw tali zieda tal-kera. JIspjega li l-ewel zieda sarte fl-1 ta’ Jannar 2010 u b’ziediet ohra ta‘ himstax fil-mija f’ Gunju ta’ kull sena, inkluz fl-2010 sal -ahhar tas-sena 2013. Wara 2014 iz-zidiet kienu qed isiru bil-hamsa fil-mija kull sena. Jishaq li dan kollu kien qed jinkiteb fil-ktieb tal-kera u allura l-affarijiet saru b’ mod trasparenti. Bezzina skond ix-xhud kien qed ihallas minghajr problem ghalkemm kien jaf li dawn iz-zidiet ma kienux qed isiru a bazi tal-kuntratt originali. Kien qabel ma bdew il-proceduri odjerni li huwa beda joggezzjona u qatt ma qa li ma kienux dovuti.

Kontro-ezaminat fl-14 ta‘ Marzu 2023 Anthony Griffiths jixhed li huwa kien jigbor il-kirjiet f’ isem hutu.[9] Jghid li l-avvizi ta’ zieda kien inizzilhom fuq l-ircevuta. Jiccara li huwa kien inizzel iz-ziediet wara l-2009. Jghid li wara s-sena 2000 ma talabx awment pero‘ talbu wara 2009. Ma jaqbilx li qed jassumi li kien jaf li iz-zidiet ma sarux skond il-kuntratt. Jikkonferma li qatt ma kien hemm disgwid bejniethom fuq il-kera. Jikkonferma li dejjem talbuh l-ammon li jmiss u dejjem imxew hekk. Dejjem hallas l-ammont dovut.

Ri-ezaminat jghid li kien ihallas kull kwart tas-sena u dejjem jiffirmawlu fuq il-ktieb tal-ircevuti u kien inizzillu kemm kien ikun hemm kera dovuta ghall-kwart li jmiss. Jikkonferma li ghal kull awment kienu jiktbulu minn qabel u hu dejjem accetta.

[8] Fol, 107 tal-process.
[9] Folio 111 tal-process.

Jikkonferma li iz-zieda ta‘ 15% haduha mill-ligi. Jghid li ma kein hemm xejn bik-kitba peres li omm ix-xuhud kienet toqghod fil-flat ta‘ fuqu. Jghid li huma ghandhom jiehu kirjiet u mhux jaghtuh lura kif ukoll li z-ziidiet waqt. Jikkonferma li hemm kawza kostituzzjonali fuq dan il-fond.

**Ikkunsidra:**

Il-Bord ihoss li l-artikoli principali li wiehed ghandu jezamina fuq din il-vertenza huma:

*1526 (1) Il-kiri ta' ħaġa hu kuntratt li bih waħda mill-partijiet tintrabat li tagħti lill-oħra t-tgawdija ta' ħaġa, għal żmien miftiehem u b'kera miftiehem, li din il-parti l-oħra tintrabat li tħallas lilha.*

*1531D.(1) Il-kera ta' fond kummerċjali, fin-nuqqas ta' ftehim mod ieħor milħuq wara l-1 ta' Jannar, 2010* <u>*jew ta' ftehim bil-miktub li jkun sar qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 dwar kirja li tkun għadha fil-perjodu oriġinali tagħha fl-1 ta' Jannar, 2010, għandu mid-data tal-ewwel ħlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar,2010, jiġi miżjud b'rata fissa ta' ħmistax fil-mija fuq il-kera attwali u jibqa' jiġi miżjud mid-data tal-ewwel ħlas tal-kera dovut wara l-1ta' Jannar ta' kull sena bi ħmistax fil-mija fuq l-aħħar kera bejn l-1ta' Jannar, 2010 u l-31 ta' Diċembru, 2013.*</u>

<u>*(2) Il-kera mid-data tal-ewwel ħlas tal-kera dovut wara l-1 ta'Jannar, 2014, għandu jiġi stabbilit bi qbil bejn il-partijiet. Fin-nuqqas ta' qbil, għandu jittieħed bħala gwida għall-kera l-Indiċital-Valur Kummerċjali tal-Proprjetà kif jista jiġi stabbilit b'regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-*</u>

*akkomodazzjoni u fin-nuqqas ta' regolamenti, il-kera għandu mill-ewwel ħlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar, 2014, jogħla b'ħamsa fil-mija fis-sena sad-dħul fis-seħħ tal-imsemmija regolamenti.*[10]

*(3) Fil-każ ta' fond kummerċjali, jekk kien hemm ftehim għal żjidiet perjodiċi bejn il-partijiet, dan il-ftehim għandu jibqa'japplika mingħajr iż-żjidiet kontemplati f'dan il-artikolu:Iżda, barra mill-każijiet fejn iż-żjieda fil-kera jkun sar biqbil, fejn tiġi applikata ż-żjieda kif proposta hawn qabel għal fondi kummerċjali, l-inkwilin jista' permezz ta' ittra uffiċjali mibgħuta lil sid il-kera jew lil wieħed minn sidien il-kera, jittermina l-kirjabilli jagħti pre-avviż ta' tliet xhur u dan ukoll jekk il-kirja tkun għal żmien definit.*

**Ikkunsidra:**

Illi minghajr dubbju kien hemm ftehiem bejn il-partijiet li jiehu lura ghas-snin tmenin (*pacta sunt servanda*) fuq il-kirja tal-fond kummercjali, ossija restaurant. Minghajr dubbju dan il-Bord fela sew dak li ftehemu fuqu il-partijiet fl-iskrittura prezentata in atti u fuq dan irid jiddecidi. Fuq dan il-punt il-Qrati taghna esprimew ruhhom diversi drabi.

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fic-citazzjoni **Awtorita' Marittima vs Michelle Grech** (Cit. Nru. 788/2005 AF) per Onr. Imhallef Anna Felice deciza fil-5 ta' Mejju 2016 qalet is-segwenti:

[10] Sottolinejar tal-Bord.

*'Din il-Qorti tqis illi biex wiehed jara sewwa x' inhi l-qaghda bejn iz-zewg partijiet f' din il-kawza irid ihares lejn il-kundizzjonijiet tal-ftehim li sar bejniiethom. F' dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza Chev. Joseph M. Scicluna et noe, deciza fid-9 ta' Ottubru, 2003, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:*

*" Il-principju pacta sunt servanda huwa wiehed applikat rigorosament mill-Qrati taghna, u jekk ma tirrizultax xi cirkustanza li, skond il-ligi, tista' twassal ghat-thassir tal-kuntratt, l-istess kuntratt irid jigi esegwit miz-zewg nahat."'*

Imbaghad il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Dr. Gerald Montanaro Gauci ghan-nom u in rapprezentanza ta' Sea International Limited kif debitament awtorizzat vs Alex Agius Cesario** (Cit. Nru. 866/95/RCP) per Onr. Imhallef Raymond C. Pace deciza fil-31 ta' Jannar 2002 hemm is-segwenti:

*Illi dawn il-principji gew konsistentement ribaditi mill-Qrati taghna, inkluza minn din il-Qorti kif presjeduta tanti li fios-entenza 'Emanuel Schembrui et vs Leonard Ellul et' (P.A. (RCP) 30 ta' Ottubru 2000) u 'Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni' (P.A. (RCP) 12 ta' Lulju 2001) gie riaffermat li 'huwa principju generali fl-interpretazzjoni tal-kuntratti li dak stabbiliti fl-artikolu 1002 tal-Kap 16 u cioe' li meta' il-kliem tal-konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu taz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni.' Tal-istess portata hija s-sentenza ' Alfrida Borg vs Carmen Camilleri et' (P.A. (RCP) 2 ta' Ottubru 2001).*

*Illi bl-aktar mod esplicitu gie ritenuto li 'il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratt jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espresso fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u tigi osservata. ' Pacta sunt servanda'. (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998- ' Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines')*

Tkompli tghid dik il-Qorti:

*Illi intqal anke fis-sentenza 'General Cleaners Company Limited vs Attaorney General et' (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001 li ' Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f' kuntratt il-partijiet ma jkunux spejaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li kollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tidher cara mill-kumpless tal-konvenzjoni' (Vol. XXIV, P. I, p.27) (ikkwotata fis-sentenza Beacon vs Spiteri -ibid, Susanne Xuereb vs Gilbert Terreni- P.A. RCP. 12 ta' Lulju 2001, Anton Spiteri vs Alfred Borg – P.A. RCP 30 ta' Novembru 2000, Emanuel Schembri vs Leonard Ellul- P.A. RCP 30 t' Ottubru 2001).*

*Illi ghalhekk jirrizulta, u din hi anke r-ration tal-ligi (art. 1004 tal-Kodici Civili) illi l-interpretazzjoni li trid tinghata, meta klawsola tista' tfisser haga u ohra, din ghandha tinftiehem dik il-haga li biha jista' jkun hemm xi effetti milli dik il-haga li biha ma seta' jkun hemm ebda effett. Disposizzjoni li tirrifletti l-*

*principju ,in dubiis interpretatio capienda est, ut disposition potius valeat quam pereat'.*[11]

Barra minn hekk fis-sentenza **Salvu Fenech et vs Malta Dairy Products Limited** (Cit. Nru. 1561/1997/1) deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit- 30 ta' Ottubru 2003 per Onr. Imhallef Raymond C. Pace intqal:

*Illi dan iwassal ghall-principju iehor li jirritjeni li l-kuntratti ghandhom jigi esegwiti in bona fede u li jobbligaw mhux biss dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha tali obbligazzjoni. (Joseph Francis Depares nominee vs John O' Dea nominee- A.C. – 25 ta' Gunju 1996)*

*Illi l-konsegwenza ta' kull fthiem ghalhekk hija li l-obbligazzjonijiet iridu jiftehmu li jaghmlu sens (jekk jista' jkun buon sens) u l-kuntratti ghandhom ikunu nterpretati in buona fede (Carmel Mifsud vs Joseph Spiteri et – P.A. (WG) 30 ta' April 1987).*

**Ikkunsidra:**

Illi jibda biex jinghad li l-intimati jallegaw b'mod konfuz fit-tieni punt tar-risposta taghhom li:

*'a bazi ta' gurisprudenza konsistenti li l-artikoli tal-ligi fuq liema r-rikorrenti qieghed jibbaza' t-titolu tal-kera mhumiex kostituzzjonallment validi u jivvjolaw id-drittijiet tas-sidien. Illi filfatt gew pprezentati proceduri ta' natura kostituzzjonali minn*

[11] Ara l-insenjamenti u ir-referenzi li hemm ukoll fis-setenza **Mark Scicluna et vs Mary Anne Massa et.** Deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Rikors Nru. 638/2017 FDP) fis- 17 ta' Gunju 2021 per Onr. Imhallef Francesco Depasquale.

*uhud mill-intimati kontra l-Avukat tal-istat u r-rikorrenti f' dan is-sens li ghadhom sub judice'*;

Bid-dovut rispett lejn l-intimati, l-Bord mhux ser jipprova jaqta' x'kellhom f'mohhom l-intimati b'dan l-aggravju. Jinkombi fuq min jaghmel l-aggravju li jkun car x'jrid jghid bih u jsostnieh bi provi. Prova ta' dwar x'hiex qed jitkellmu u jallegaw permezz ta' dan l-aggravju ma hemmx fl-atti. *Quod non est in actis non est in mundo,* la hemm referenza tal-okkju, la referenza ta' quddiem liema Qorti qieghda il-kawza suppost Kostituzzjonali u x' kienu it-talbiet bi preciz ecc ecc.

Dunque l-Bord jemmen li t-tieni aggravju imressaq mill-intimati huwa frivolu ghall-ahhar.

**Ikkunsidra:**

Ir-rikorrenti jilmenta li dak li gara, ossija il-pagamenti zejda wara is-sena 2000 kien biss zball jew ahjar jghid li ma kienx jaf li dik il-kera ma kienitx dovuta. Huwa jikkonferma li il-kuntratt kien dejjem ghandu u qatt ma kien gie mistur minn-naha tal-intimati. Jammetti ukoll li l-ircevuti kienu ghandhom. L-artikoli relevanti dwar il-kunsens hekk kif imnaqqxa fil-Kodici Civili nostra huma is-segwenti

*FUQ IL-KUNSENS*

*974.Jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'għemil doluż, ma jkunx jiswa.*

*975.L-iżball dwar il-liġi ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta dan ikun il-kawża waħdenija jew ewlenija tiegħu.*

*976.(1) L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim.*

*(2) Il-ftehim ma jkunx null jekk l-iżball jaqa' biss fuq il-persuna li magħha jkun sar il-ftehim, ħlief meta l-għażla ta' dik il-persuna tkun il-kawża ewlenija ta' dak il-ftehim.*

Bid-dovut rispett lejn ir-rikorrenti, ma jirrizultax li kien hemm zball minn naha tieghu. In-nuqqas ta‘ gharfien ghal dak li kien qed jiffirma ghalih u jikkoncedi bl-ebda ombra ta‘ dubbju ma jikkrejax zball kif qed jippretendi li ghamel. Il-Bord kien lest li jikkoncedi li kieku t-transazzjoni kienet ta‘ darba jew tal-anqas ghal perjodu qasir hafna, pero‘ mill-atti jirrizulta li ‘l hekk imsejjah zball sar bejn is-sena 2000 tal-anqas is-sena 2016.[12] Mhux hekk biss imma fir-rikors promutur tieghu hu ipprezenta diversi ircevuti fejn ir-rikorrenti kien mgharraf biz-zidiet li kien imiss. Minn hemm wiehed jista‘ jikkonkludi sew li l-proposta tal-awment fil-kirja u l-accettazzjoni kienu precizi, determinati u kompleti.[13] Il-Bord allura ma jistax jghid li l-intimat Anthony Griffiths, li kien jigbor il-kera ghalih innifsu u ghall-intimati l-ohra kien skorrett, anzi, il-Bord jissogra jghid li mexa b‘ etika kbira[14]. Ir-rikorrent kellu kull dritt li jikkontesta dak li kien qed jigi mitlub minghand l-intimati fil-forum appropjat pero‘ naqas ghall-diversi snin li jaghmel dan.

[12] Ara fol 81 , Dok VB3, prodott mill-istess rikorrenti.
[13] Ara f' dan is-sens Catbros vs Direttur Generali tax-Xogholijiet- 24.03.2004.
[14] Ara fool. 16, 17, 20, 21, 24, 25, 27, 28,32, 35 tal-process.

Lanqas hu ta‘ siwi ghalih li jghid li ma kienx jaf li fl-2009 kien hemm tibdil fil-ligi. L-injoranza tal-ligi, kif inhu ben risaput mhix skuza u ladarba qieghed fin-negozju u kien hemm ziediet frekwenti, li jidhru li kienu in lineja mal-emendi tal-Att X ta‘ l-2009 kien missu mar u ha parir meta dawn l-emendi dahhlu fis-sehh biex jikkawtela il-pretensjonijiet, kemm-il darba kellu, tieghu. Il-Bord ma hu konvint xejn li ir-rikorrenti ma kienx jaf ben tajjeb iz-zidiet u il-portata taghhom u irribella ghal tali zidiet biss meta kif fi kliemu stess waqt il-Pandemija tal- Covid 19 meta ir-restaurant kien maghluq, l-intimati mhux biss jippretendew il-hlas tal-kera izda ukoll l-awment.[15] Kien hawnhekk biss li huwa mar jiehu parir legali.

Il-Bord jaghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) deciza fil- 5 ta' Ottubru 1998 fl-ismijiet**:** **Anton Azzopardi et noe vs Lawrence Ciantar noe et.** per il-Prim Imhallef Joseph Said Pullicino u l-Imhallfin Carmel A. Agius u Joseph D. Camilleri fejn intqal:

***It-talba principali hi ghal dikjarazzjoni li l-prezz imhallas mis-socjeta' attrici ghall-fuel mixtri huwa in eccess ghal dak dovut. Konsegwenetement huma talbu li l-Qorti tiddikjara li l-ammont eccess kien imhallas 'lill-konvenuti indebitament' u l-kundanna tal-konvenuti, jew minn minnhom, ghar-radd lura tas-somma li hekk giet indebitament imhallsa;***

[15] Il-Bord jinnota li l-intimati f' dan il-perjodu tant ikrah li d-dinja kollha ghaddiet minnu kienu xi ftit jew wisq insensittivi mar-rikorrenti li ghal snin twal hallas il-kera u kif jammettu huma qatt ma kien hemm problemi. Il-Bord kien jistenna certa flessibilita' minn-naha taghhom ladarba ir-restaurant kien maghluq minhabba ir-restrizzjonijiet impost mill-awtoritajiet tas-sahha! Kienu ikun ahjar u aktar prudenti li l-intimati jirrangaw termini mal-inkwilin u mhux jibqghu jippressaw ghall-pagamenti, li wiehed jifhem kienu ingumbranti ferm ghan-negozju li kien wieqaf.

*L-azzjoni kif proposta hi bbazata ndubbjament fuq il-kawzali ta' indebitu- in kwantu l-atturi nominee qeghdin jippretendu illi l-konvenuti nkassaw indebitament flus li ma kellhomx jithallsu lilhom. 'Il-ligi taghti l-azzjoni ghar-radd tal-hlas mhux misthoqq mhux biss meta kull ma thallas ma kienx misthoqq, izda ukoll meta ghalkemm xi hlas ikun misthoqq, ikun thallas izzejjed milli kien misthoqq, u jekk jigri hekk minn thallas jista' jfittex ghar-radd taz-zejjed imhallas. Biex ir-radd tal-hlas mhux misthoqq jista' jintalab bil-jed, jehtieg li dak il-hlas ikun sar bi zball u dan l-izball kien di fatta. L-izball di diritto ma jservix biex jintalab bil-jedd dak imradd'.*

*Dan l-element ta' zball hu essenzjali biex l-azzjoni tigi tentata b'success. 'Per farsi luogo alla ripetizione dell' indebito e' indispensabile l-errore di chi pago' (Vol. IX pagna 415). L' azione dell' indebito non e' ammissibile quando ilpagante nell' atto di pagamento sapeva che l-ammontare pagato non era affetto dovuto' (Vol. XVIII, pt. III, p. 146). L-element ta' l-izball f' azzjoni ta' idebitu jehtieg li jigi kompletament u rigorozament ippruvat. Altrimenti l-azzjoni tfalli.*

*Dan iwassal ghall-konkluzjoni illi , una volta l-attur dak il-mument stess tan-negozju kein konsapevoli mill-fatt li s-somma mitluba kienet esagerata…. U intant, malgrado, din il-konsapevolezza ried jaghti, u fil-fatt ta, lill-konvenut is-somma (mitluba, allura ma jistax ragonevolemnt jintqal li hu hallas bi zball, anzi kien jaf li ma jmissux ihallas daqshekk u ntant ried ihallas hekk. Cirkostanzi li tipprekludi l-ezercizzju ta' l-azzjoni tar-ripetizzjoni ta' l-indebitu.'*

Il-Bord jinnota ukoll li dawn iz-ziediet fil-kera kienu in lineja mad-dettami tal-artikolu 1531D tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta‘ Malta.[16] Wara kollox l-artikolu 1554 tal-Kap 16 jghid testwalment:

*Il-kerrej ghandu-*

*(b) ihallas il-kera miftiehma, jew kif stabbilit bil-ligi.*

Il-Bord ma jhossx li ghandu jinoltra aktar fuq dak li r-rikorrent kellu fuqu bhala obbligu wara l-emendi li dahhlu fis-sehh permezz tal- Att X tal-2009 li gew riflessi fl-artikolu 1531D. Dunque, dak mitlub mill-intimati jinkwadra ukoll minn dan l-aspett, jaqbel u ma jaqbilx ir-rikorrenti.

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi jichadhom bhala mhux misthoqqa.

Spejjez ta’ dawn il-proceduri kollha a karigu tar-rikorrenti.

**Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**
**Magistrat**

**Victor Deguara**
**Deputat Registratur.**

[16] Lanqas ma jidher li huwa ikkontestat mir-rikorrenti li kein hemm xi qerq fiz-zidied. Il-punt kollu jidher li iz-zidied wara 2000 ma kienux misthoqqa skond il-kuntratt originali.